Ħbieb
il-Kappelli
Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Mejju 2026

Ħarġa Nru 58



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin2024@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2026-2028**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Midja Soċjali**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

*Il-Knisja' tal-Madonna ta' Liesse, Belt Valletta*

Ritratt: *Owen Caruana*

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Wasalna diġa fil-ħames xahar tas-sena, hekk li dħalna fir-Rebbiegħa wara l-festi tal-Għid. Nispera li barra l-attività li kellna fil-Belt Valletta u fil-Valletta Waterfront, żortu, rajtu u pparteċipajtu fil-festi reliġjużi tal-ġimgħa tal-passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu u l-Għid il-Kbir. Dan ifisser li fadal biss dan ix-xahar u li ġej qabel ma ntemmu l-programm maħsub għal perjodu Ottubru 2025 – Ġunju 2026.

Għax-xhur sajfin, il-Kumitat qed jinvestiga u jara liema festi ta' knejjes żgħar inkunu nistgħu bħala Għaqda nattendu għalihom ħalli nidħlu fl-esperjenza ta' dawn il-festini li għadhom jiġu organizzati, hekk li uħud minnhom żgur li kibru b'tali mod li l-antenati tagħna żgur qatt ma kienu joħolmu li l-festini tagħhom se jkunu daqstant rikki.

Għax dan ix-xahar ta' Mejju, se nżuru l-gżira Għawdxija, liema attività hija tant imfittxija magħkom. Iż-żjara f'Għawdex ser isservina kemm bħala mezz sabiex insiru nafu aktar dwar it-teżori li hemm fil-gżira Għawdxija kif ukoll mill-att soċjali nsiru nafu aktar lil xulxin b'mod informali u nqattgħu aktar ħin flimkien. Il-programm imħejji mill-Kumitat se jkun li nżuru d-dar ta' Karmni Grima, il-knisja ta' San Publju fl-Għarb u dik tal-Madonna ta' Wied l-Għasri, magħrufa bħala tal-Patroċinju. Min hawn għandna dejjem nirringrazzjaw lil Kav Joe Attard, li jikkordina il-programm għan- nom tal-Kumitat. Bis-saħħa tiegħu, kull bieb li nsibu magħluq bħala Kumitat, jinfetaħ għalih! Aktar dettalji ssibuhom fiċ-ċirkolari mehmuża.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

*Għall - Kumitat*



Ritratt: Owen Caruana

# Il-Knisja ta' Santa Luċija, Belt Valletta



L-ewwel knisja li nbniet fejn illum hemm dik ta' Santa Luċija kien fl-1570, erba' snin biss wara li bdiet tinbena l-Belt Valletta fit-28 ta' Marzu 1566. Fil-bidu din il-knisja kienet iddedikata lil San Franġisk ta' Paola. Fil-fatt fil-kantuniera faċċata ta' din il-knisja għad hemm l-istatwa ta' dan il-qaddis. Il-pjanta kienet ġiet iddisinjata minn Girolamo Cassar. L-istruttura arkitettonika tixbaħ ħafna lil knisja tal-Agostinjani tar-Rabat (ta' Santu Wisitin) u żewġ knejjes ġol-Belt, dik tal-Vitorja u tal-Katidral ta' San Ġwann.

Aktarx li l-Patrijiet Dumnikani, li kienu jiġu mill-Birgu biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies li kienu qed jibdew joqogħdu fil-Belt, kienu jwettqu dawn id-dmirijiet minn din il-knisja sa ma nbnew il-knisja u l-kunvent tagħhom.

Aktar tard reġgħet inbniet knisja oħra minflok dik li kien hemm u ħallsu għaliha l-kummerċjanti tal-inbid li kellhom in-negozju fil-Belt. Il-knisja l-ġdida ġiet iddedikata lil Santa Luċija u lil San Vinċens Ferrer. Dawn in-negozjanti kienu jorganizzaw tliet festi: ta' San Vinċens Ferrer fil-5 ta' April, ta' Santa Klara fil-11 t'Awwissu u ta' Santa Luċija fit-13 ta' Diċembru. Fil-festi kien jitkanta l-għasar u tkun iċċelebrata quddiesa kantata.



Fl-1740, l-Isqof Alpheran de Bussan kien waqqaf f'din il-knisja t-Terza Ordni ta' San Franġisk ta' Paola.



Minn barra, il-knisja għandha faċċata attrajenti, fejn insibu bieb rettangolari bejn żewġ pilasti ta' stil Joniku fuq kull naħa, fuq bażi ftit għolja. Aktar 'l fuq hemm frontispizju li minn nofsu jitla' kampnar bi tliet iqniepen, bl-istatwa ta' San Pawl fil-quċċata tiegħu. F'żewġ niċeċ li hemm fil-ġnub tal-kampnar hemm l-istatwi ta' Santa Klara u Santa Luċija.



Il-knisja minn ġewwa għandha forma rettangular, bis-saqaf troll fuq ħames arkati li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-knisja, u li jingħaqdu b'xorok tat-tliet piedi. Fuq l-artal maġġur hemm it-titular li juri lill-Madonna Immakulata, bil-qaddisin San Pawl (*għarkopptejh*) fuq naħa, u Santa Luċija u San Vinċens Ferrer (*it-tnejn bil-wieqfa*), u Santa Klara (*għarkopptejha*). Il-figura ta' San Pawl saret aktar tard meta din il-knisja saret tappartjeni bħala knisja filjali ta' San Pawl Nawfraġu. Aktarx li huwa xogħol tal-artist Camilleri mill-Isla. Il-kwadru qiegħed fi prospettiva sabiħa ħafna bejn sitt kolonni. L-artal hu ddekorat bi skultura barokka u taħtu hemm il-korp ta' San Luċjan martri li kien inġieb miċ-ċimiterju ta' Santa Priscilla f'Ruma fis-7 ta' Marzu 1842. Fuq ix-xellug tal-artal maġġur insibu l-kwadru ta' Sant' Agata u n-naħa l-oħra dak ta' Sant' Appolonja. Dawn iż-żewġ pitturi ovali aktarx li huma ta' Francesco Zahra .







Hemm żewġ artali oħra: wieħed iddedikat lil San Franġisk ta' Paola u l-ieħor lil San Pascal Baylon. L-altar ta' dan ta' l-aħħar kellu it-titular mibdul fl-1962 bi kwadru ta' Paolo Camilleri Cauchi li kien intitolat 'Il-Madonna tal-Konsolazzjoni'. Il-pittura fl-altar ta' San Franġisk ta' Paola hu attribwit lil Mattia Preti jew tal-bottega tiegħu. Hemm min jgħid li huwa xogħol l-alljeva tiegħu Sour Maria de Domenicis. Dan juri lil dan il-qaddis qed jaqsam il-fliegu ta' Messina fuq il-mantar tiegħu. Dan l-altar għandu relikwi ta' San Benedittu. Il-kwadru ta' San Pascal Baylon hu attribwit lil Rokku Buhagiar.

Il-knisja hija miżmuma ferm tajjeb u b'ċertu żelu minn min jieħu ħsieba.










*Kitba: informazzjoni meħuda mill-ktieb ta' Louis Fenech*
*'Knejjes Żgħar fil-Kampanja' Vol I*
*kif ukoll mir-rivista Heritage (paġni 1587-8)*

*Ritratti: N Gingell*

# Knisja ta' Madonna ta' Liesse, Belt Valletta



Wara l-bini tal-Belt Valletta, il-Kavallieri bnew kemm il-bereġ tagħhom madwar il-Belt Valletta kollha kif ukoll knejjes. Waħda minn dawn hija propjament din il-knisja ddedikata lil Madonna ta' Liesse (tfisser ferħ)

Inbniet fil-bidu tas-seklu sbatax mill-kavallieri tal-Lingwa Franċiża. Dawn riedu li jkollhom il-knisja nazzjonali tagħhom wkoll b'dedikazzjoni lil Madonna ta' Liesse, devozzjoni li għalihom kienet diġà importanti. L-istorja tal-Madonna ta' Liesse għandha x'taqsam ma' tliet aħwa, li kienu minn Picardy, fi Franza, membri tal-Ordni ta' San Ġwann. Dawn waqt waħda mill-ġliediet tagħhom kontra l-Musulmani fis-Sirja, inqabdu priġunieri wara li ġew feruti. Ittieħdu lejn il-Kajr, fejn ingħataw bħala rigal lis-Sultan li waħħal f'rasu li dawn it-tlitt kavallieri jikkonvertihom għar-reliġjon Musulmana.



*Madonna ta' Liesse u San Ġwann Battista de la Salle_Emvin Cremona 1959*

Meta s-sultan induna li l-għorrief tiegħu kienu fallew, ħaseb biex jibgħat it-tifla tiegħu, Iżmeria, li kienet intelliġenti fir-reliġjon Musulmana, kif ukoll sabiħa. Mhux talli ma kkonvertithomx, talli riedet tkun taf aktar dwar il-Madonna. Talbithom immaġini tal-Madonna, iżda ma kellhomx x'juruha. Sabitilhom biċċa njama, kif ukoll l-għodda ħalli jkunu jistgħu jagħmlu immaġini tal-Madonna. Billi ma kinux jafu jaħdmu l-iskultura, qagħdu jitolbu. Mal-lejl Anġlu ippreparalhom l-istatwa tal-Madonna. Din intgħoġbot sew tant li l-istess Iżmeria riedet l-istatwa għaliha stess, u talbitilhom. Dawn l-erba' irnexxielhom jaħarbu, u waslu qawwijin u sħaħ fi Franza. Iżmeria kienet magħhom, u wara li din ġiet mgħallma sew ir-reliġjon Nisranija, tgħammdet, u ħadet l-isem ta' Marija. Hekk id-devozzjoni lejn Il-Madonna ta' Liesse saret waħda mill-aktar importanti u popolari mal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, speċjalment mall-Kavallieri Franċiżi.




**Il-Madonna ta' Liesse**
**Enrico Regnaud** *( 1692 - 1764 )*
*Knisja Madonna ta' Liesse - Valletta*



Marija Immakulata_xoghol malti s 18

Għalkemm knisja waħda biss inbniet f'Malta, madankollu niltaqgħu ma' numru ta' kwadri li juru li din l-istess devozzjoni kellha numru ta' devoti wkoll. Fil-kuritur tal-kunvent tad-Dumnikani tal-Belt Valletta hemm numru ta' kwadri li juru l-istorja ta' din ġrajja.

L-ewwel knisja kienet nbniet fis-sena 1620, u l-benefattur prinċipali kien il- Balliju ta' Armenja, is-Seneskal Fra Giacomo de Chenu de Bellay. It-tberik tal-ewwel ġebla seħħ f'Novembru ta' dik is-sena bil-Granmastru Alof de Wignacourt, flimkien mal-membri tal-Ordni u l-kleru u l-Prijur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, jattendu għaċ-ċerimonja.

Il-knisja li naraw llum inbniet fl-1740, u ġiet solennement ikkonsagrata mill-isqof Vincenzo Labini. Għandha għamla tonda, b'numru ta' pilastri ta' stil kompost, minn Joniku sa Korint, jżejnuha. Minn fuq il-friż jitla' gwarniċun li minn fuqu tibda' il-koppla sabiħa ta' din il-knisja. It-twieqi tagħha huma fuq stil verament oriġinali li jkomplu jsebbħu d-dehra arkitettonika tagħha.



*San Antnin ma San Ġwann il-Battista*

Minn barra għandha faċċata sabiħa ħafna. Fil-parti tan-nofs fuq il-bieb prinċipali naraw żewġ anġli tal-ġebel li qed iżommu kuruna ta' pavaljun li fin-nofs tiegħu darba kien hemm riliev tal-Gran Mastru Kottoner. Naraw ukoll erba' pilastri bil-kontropilastri magħhom li fuqhom jitla' frontispizju sabiħ ta' stil miftuħ. Fuq il-lemin tal-knisja naraw kampnar, bi stil eleganti li jkompli jsebbaħ lil din il-knisja.



*San Bastjan*



Statwa tal-Madonna ta' Liesse mal-aħwa Kavallieri

Sabiħa minn barra, imma xejn mhi anqas sabiħa minn ġewwa. Il-knisja hi mdaqqsa u hi ddekorata sew. L-altar maġġur huwa ddekorat ġmielu bit-titular xogħol tal-artist Malti Enrico Arnaudi (insibuh ukoll bħala Regnaud jew Arnaux), li kien attiv fis-seklu tmintax fil-gżejjer Maltin. Dan il-kwadru juri dak il-mument mill-istorja tal-Madonna ta' Liesse, meta t-tliet kavallieri kienu reqdin, u l-anġlu kien mar ħalli jagħtihom l-istatwa tal-Madonna. Tħares lejn din ix-xena hemm imbagħad il-Madonna b'Ġesù ħdejha, imdawrin b'ħafna anġli. Dan it-titular ġie restawrat fl-2018.



Il-koppla minn taħt minn ġewwa

L-altar fuq il-lemin huwa ddedikat lil San Mauro Abbati. Fil-pittura narawh ifejjaq lil wieħed tfajjel li jidher mgħejjun minn ommu. X'aktarx xogħol il-pittur Cassarino. L-altar l-ieħor huwa ddedikat lil San Luigi IX, Re ta' Franza, bħala tifkira li kienet teżisti bejn din il-knisja u l-lingwa Franċiża tal-Ordni.



Statwa tal- Madonna bil-Bambin inkurunati

Insibu l-istatwa l-qadima tal-Madonna ta' Liesse, li x'aktarx hija l-unika statwa tal-Madonna ta' Liesse li għadha teżisti għaliex l-oħra li kien hemm fis-Santwarju ewlieni f'Piccardia, Franza, inqerdet u nħarqet waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Din l-istatwa, xogħol sabiħ fit-terracotta li turi lill-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha, ġabuha magħhom Malta minn Rodi fl-1530. Inġiebet f'din il-knisja mill-kappella tal-Forti Sant'Iermu bil-ħidma tar-rettur Artau.



Statwa tal-korp ta' Ġesu mejjet



Knisja Ta Liesse_1829 Owen Browne Carter

Insibu kwadri oħra ta' importanza, dawk ta' Marija Immakulata, ta' Sant'Antnin ta' Padova flimkien ma' San Ġwann il-Battista, u ta' San Ġwann de la Salle. Ta' min isemmi li l-Madonna ta' Liesse hi l-Padruna tal-Freres.

Il-konnessjoni bejn din il-knisja u l-familja De La Salle tmur lura għall-benefattur li ħallas għall-bini ta' din il-knisja u kien ħalla bħala eżekutur tiegħu lil Fra Enrico de La Salle. Barra minn hekk, l-Ordni Reliġjuż ta' De La Salle għandu bħala l-patruna tiegħu lill-Madonna ta' Liesse, u għalhekk tkompli l-konnessjoni ta' De La Salle ma' dan il-post qaddis.




*L-irħama tal-ħu r – Re ta' Franza*

Irħama li tinsab fuq ix-xellug tal-altar maġġur tfakkar lil Vicomte De Beaujolois, li kien ħu ir-Re Louis Philippe ta' Franza. Dan kien miet f'Malta fl-1808 u kie ġie midfun fil-Konkatidral ta' San Ġwann iżda skont ix-xewqa tiegħu qalbu indifnet f'din il-knisja.

Fl-aħħar gwerra din il-knisja ġarrbet ħsarat u kellha tingħalaq għal xi żmien. Iżda wara li ġiet irrestawrata reġgħat infetħet u bdiet taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-Port. Fl-1961, din il-knisja ngħatat lill-Għaqda tal-Apostolat tal-Baħar, li tieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-baħħara. Illum il-ġurnata qiegħda terġa' issir il-festa tal-Madonna ta' Liesse. Il-knisja mhux biss tkun imżejna, iżda tkun ferm sabiħa, bl-attivitajiet kollha li wieħed jistenna li jara fi knisja żgħira. Insibu wkoll statwa moderna li nħadmet mill-istatwarju Albert Micallef, biex tkun tista' tinġarr mir-reffiegħa u toħroġ iddur fl-inħawi. L-istatwa wara li tbierket ittieħdet proċessjonalment mill-knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta għall-knisja ta' Liesse. L-ewwel darba li ħarġet mill-knisja, iżda, kienet fi proċessjoni nhar it-12 ta' Lulju tal-1981. Il-festa tagħti ħajja lill-inħawi, kif ukoll toffri ċ-ċans biex diversi nies ikunu jafu aktar b'din il-knisja teżor li nsibu fil-Belt Valletta.



*milquta bil-bombi*

Xi ftit tas-snin ilu il-knisja kienet reġgħat ġiet restawrata u b'hekk reġgħet ħarġet is-sbuħija oriġinali tagħha. Il-knisja tkun miftuħa regolarment għall- quddies.

*Kitba ta' Vincent Zammit b'addizzjonijiet minn artikli ta' Tony Terribile u Fr. Paul Attard OFM a' Marzu tal-2008. Meħuda mis-sit [www.kappellimaltin.com](http://www.kappellimaltin.com)*

*Ritratti: N Gingell, O Caruana, Internet*

# Il-knisja tal- Ħarba lejn l-Eġittu, Furjana (Waterfront)



Il-Port il-Kbir tista' tgħid li kien l-akbar, jekk mhux l-unika, raġuni għaliex il- Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann aċċettaw li jiġu Malta fl-1530. Wara l- Assedju l-Kbir, il-Kavallieri imbagħad tefgħu l-ankri hawn billi iddeċidew li jibnu belt ġdida fuq l-għolja Xiberras u trasformaw il-gżira ta' Malta f'ċentru ta' kummerċ bis-saħħa tal-Port il-Kbir .

Kull fejn ikun hemm attività marittima u kummerċ, ikun hemm imħażen sabiex fihom titqiegħed il-merkanzija wara li tinħatt. U kull fejn ikun hemm ħafna attività, insibu wkoll xi knisja sabiex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies li jiffrekwentaw l-inħawi. Il-knisja li hemm fix-xatt ta' Pinto, inbniet propju b'dan il-għan fil-qalba ta' attività marittima u kummerċjali fuq ix-xatt tal-Port il-Kbir sewwasew taħt is-swar tal- Floriana.

Il-Gran Mastru Manwel Pinto de Fonseca ħakem fuq Malta fis-seklu tmintax bejn l-1741 u l-1773. Dan il- Gran Mastru ma tantx kien popolari ma' ħafna nies għax għamel ħafna għedewwa, iżda lill-Belt kien iħobbha u għaniha b' għadd ta' bini sabiħ fosthom it-tkomplija tal-berġa ta' Kastilja, l-arloġġ fil-bitħa tal-Palazz tal-Gran Mastru u l-bini tal-imħażen fil-Port il-Kbir li llum iġibu ismu.

Fl-1752 Pinto bena sensiela ta' 19-il maħżen kbir fuq stil Barokk, b'soqfa troll għoljin, sabiex ikunu jistgħu jintużaw kemm mill-merkanti u n-negozjanti kif ukoll mill-iskwadra navali tal-Ordni nnifisha. Il-kappella hija mibnija biswit l-aħħar maħżen u kienet inbniet bħala parti mill-*Forni Magazzini* ta' dan il- kumpless merkantili. Meta kienu inawgurati għall-ewwel darba, il-moll ġie mixgħul b'torċi u kien hemm għadd ta' dgħajjes fil-viċin jassistu għall-karnival fuq il-baħar li kien sar.

Din hi l-unika knisja f'Malta u Għawdex iddedikata lill-Ħarba lejn l-Eġittu tal-Familja Mqaddsa. iżda ta' min ifakkar li l-knisja ddedikata lil Santa Marija f'Kemmuna hija wkoll magħrufa bħala r-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu. Mhux magħruf min jew għaliex din il-kappella fix-Xatt ta' Pinto inagħtat din id- dedika unika.

Il-kappella hija tassew ċkejkna iżda sabiħa ħafna. Il-faċċata hija mibnija fuq stil Barokk possibbilment fuq disinn tal-arkitett Malti Andrea Belli (1703-1772) u hija ddisinjata b'mod li filwaqt li tinfilsa sew mal-imħażen kbar ta' maġembha, ma tidhirx li qisa qed tinbelgħa minnhom. Skont l-arkitett Profs Conrad Thake, stilistikament din il-kappella tixbaħ lil dik Tal-Providenza fis- Siġġiewi u lil dik tal-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.



It-titular



L-arkitett iddisinjaha b'tali mod li fil-faċċata relattivament dejqa, inkorpora fiha l-elementi kollha li wieħed isib fi knejjes aktar kbar bħalma huma ż-żewġ kampnari li għandha. Ġo nofs il-pediment tal-bieb li juri l-arma tal-Gran Mastu Pinto, imdawwra bi bnadar , vleġġeġ u tnabar tal-gwerra u nkurunata b'kuruna imperjali ( Pinto kien l-ewwel Gran Mastru li uża l-kuruna imperjali). Din l-arma ta' Pinto, f'nofs tofej tal-gwerra, fuq din il-kappella tfakkarna ħafna f' dik li hemm fuq il-bieb prinċipali tal-berġa ta' Kastilja fil-Belt Valletta.

Aktar 'il fuq mill-arma ta' Pinto hemm tieqa kbira mbarrata bi grillja tal- ferrobattuto u fuqha mbagħad hemm pediment b'disinn kompost li jerfa' salib żgħir Latin tal-ġebel. L-arma tal-Gran Mastru u t-tieqa juru l- kapaċità tal-arkitett biex jiddisinja faċċata majestuża fi spazju ristrett. Kif diġà għidna, il-kappella għandha wkoll żewġ kampnari, wieħed fuq kull naħa tal- pediment. Il-pilastri li jerfgħu il-pediment huma mżejnin b'disinji ta' ċfuf imnaqxin fil-ġebel. Il-pilastri ta' ma' ġemb il-faċċata huma iddekorati b'boċċi kbar tal-ġebel.



Minn ġewwa, il-kappella hi żgħira iżda hija kapulavur ta' tinqix barokk fil-ġebla Maltija. Fuq l-altar ċkejken hemm it-titular li juri il-Ħarba tal- Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu. Dan il-kwadru juri 'l Madonna, bil-Bambin f'idejha, bilqiegħda għad-dell taħt siġra tal-palm f'mument ta' mistrieħ fil-vjaġġ tagħhom lejn l-Eġittu. San Ġużepp hu muri jiġbed il-ħmar sabiex huma wkoll jieħdu ftit mistrieħ għad-dell filwaqt li anġli żgħar qed iħarsu lejn il-Familja Sagra minn ġos-sħab fil-għoli. Il-kwadru titolari għandu perspettiva li hi magħmula minn pilastri komposti u ta' stil kompost fuq kull naħa u li huma mżejjnin b'liedna minquxa fil-ġebel. L-arzella fuq it-titular hija splużjoni ta' raġġi ta' dija ħerġin mill-figura tal-Ispirtu s-Santu raffigurat bħal dejjem b'ħamiema u mdawwar bl-isħab u anġli żgħar (putti). Taħt it-titular hemm tieqa li titfa' dawl minn wara għal fuq l-altar.



Fuq l-altar hemm koppla bi tmin kustilji b'lanterna żgħira bi twieqi żgħar fiha. Il-ħitan tal-kappella huma wkoll imżejnin bi gwarniċi varji mnaqqxa fil-ġebel u pilastri komposti. Entablatura tal-ġebel iddawwar il-kappella kollha. Saħansitra l-lunetti ta' taħt il-koppla huma iddekorati b'tinqix fil-ġebel li juri s- salib bi tmin ponot tal-



Xogħol ta' skultura fil-ġebla fl-abside

Ordni ta' San Ġwann u l-baħrin u n-negozjanti li kienu jifrekwentaw il-Port il- Kbir fl-imgħoddi. It-tiżjin barokk tagħha jirrifletti wkoll il-bombastiċità taż-żminijiet li nbiet fihom u ta' min bniha. Filwaqt li fl-imgħoddi kienet tintuża biex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali ta' min kien jifrekwentaha, illum qed tintuża biex taqdi l-ħtiġijiet ukoll ta' dawk li jħobbu l-kultura, b'mod partikolari dik klassika u sagra.

Matul it-tieni gwerra dinjija, din il-kappella kważi iġġarfet għal kollox bil-bombi tal-għadu. Il-knisja kienet intlaqtet minn bomba fl-aħħar gwerra nhar is-16 ta' Jannar 1941, huwa u dieħel l-*H.M.S. Illustrius* fil-port.

Fl-1988 grupp ta' ħaddiema mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġew inkarigati mir-restawr ta' din il-knisja li bih tista' tgħid li nbniet kważi mill-ġdid. Ir-restawr ta' din il-kappella u l-inħawi tagħha kien beda lejn l-aħħar tat-tmeninijiet bit-twaqqif tal-Valletta Rehabilitation Project meta Dott. Ugo Mifsud Bonnici kien Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura. Il-proġett tal-Valletta Waterfront, li twaqqaf f'Novembru tal-2001, temm dan il-proġett b'suċċess tant li kien rebaħ medalja fil-kategorija tal-konservazzjoni mill-Europa Nostra fl-2005 kif ukoll ġie nominat għall-premju prestiġġjuż fl-arkitettura *Philippe Rotthier European Prize for Architecture* fl-2011. Ir-restawr tlesta fl-2006 u l-kappella ġiet inawgurata fit-28 ta' Lulju tal-2006 b'serata ta' mużika sagra.



Il-kappella qed isir fiha il-quddies ukoll hekk li issa qed taqdi l-funzjonijiet li għalihom kienet inbniet oriġinarjament kif ukoll qed taqdi l-ħtiġijiet kulturali tal-pajjiż u ta' kull min iżurha. Dan hu mod idejali u għaqli kif ġawhar bħal din il-kappella ma jintilfux.





*Kitba ta' Noel Ciantar*
*Informazzjoni misluta mill-artiklu li jinsab fuq is-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti :- N Gingell, O Caruana*

***Xogħol sabiħ ta' skultura fil-ġebla Maltija kif restawrat u mibnija kważi mill-ġdid***